# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 3 ta' Ottubru, 2001.**

**Nru: 20**

**Citazzjoni Nru: 1500/01GV**

**J & C Pisani Limited.**

**-vs-**

**Sovriegn Hotels Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnax il-elf, seba mija u disa' u erbghin Lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm12,749.12) prezz ta' oggetti ta' l-ikel lilha mibjugha u konsenjati fil-Lukandi Windsor u Crown fuq ordni taghha, skond il-prospett (Dok 1) flimkien ma' l-imghax tat-8% mid-data tal-konsenja sal-hlas effettiv, liema dejn hu cert, likwidu u skadut;

Premess illi fil-fema tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta m' ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas ta' l-ammont mitlub u ghalhekk hu l-kaz li din il-Qorti tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza ghat-tenur ta' l-Art. 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza ghat-tenur ta' l-Art. 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnax il-elf, seba' mija u disa' u erbghin lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm12,749.12) prezz ta' oggetti ta' l-ikel lilha mibjugha u konsenjati fil-Lukandi Windsor u Crown fuq ordni taghha, skond il-prospett (dok A) flimkien ma' l-imghax ta' 8% mid-dati tal-konsenji mal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Gunju, 2001 u dawk tal-Mandat ta' Qbid tal-5 ta' Settembru, 2001 kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta.

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**